TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 2/15/GB

**Alfred Genovese**

**vs**

**John Zammit - Sound Effects**

Illum 11 ta' Frar 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-5 ta' Jannar, 2015 fejn ir-rikorrent talab rifużjoni ta' mija u erbghin Ewro (€140.00), rapprezentanti l-prezz li hallas ghal 'Android TV box', li nxtrat minghand l-intimat, liema 'Android TV box' kienet difettuza.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, pero' attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Fl-20 t'Awissu huwa xtara ' Android TV box' minghand l-intimat u mill-bidu ma bdietx tahdem sewwa u kienet difettuza. Fil-fatt, b'kollox l-intimat hadha xi ghaxar darbiet biex jipprova jirrangaha, pero' minghajr l-ebda rizultat. Peress li ma bdietx tintuza, ir-rikorrent gentilment talab li l-intimat jaghtieh ohra gdida jew li jinghata l-flus lura, pero' sfortunatament huma ma lahqu l-ebda ftehim, u issa r-rikorrent ilu minghajr servizz ghal iktar minn xahrejn.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub.

Ir-rikorrent ezebixxa kopja tar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.AG1.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi l-intimat ma kienx ippreżenta risposta bil-miktub u ghalhekk baqa' kontumaci.

It-Tribunal jinnota illi a bazi tal-fatt li mir-ricevuta ezebita u mmarkata bhala Dok.AG1 jirrizulta li l-'Android TV box' in kwistjoni kienet inxtrat ghall-prezz ta' mija u tletin Ewro (€130.00), ir-rikorrent qed jirriduci l-ammont mitlub minnu originarjament ta' mija u erbghin Ewro (€140.00) ghal mija u tletin Ewro (€130.00). L-intimat ta ruhu b'notifikat b'din il-korrezzjoni.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte ta' l-intimat lejn ir-rikorrent, billi ma ppreżenta l-ebda risposta bil-miktub ghat-talba in kwistjoni. Illi, fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jinghad, illi ma jistax ikun li kwalunkwe oggett jittiehed ghat-tiswija ghal darba, darbtejn, tlieta, ecc. u xorta jibqa' bil-problemi, u dana apparti l-inkonvenjenza li tikkawza lill-konsumatur. Jirrizulta illi l-intimat naqas fis-servizzi tieghu lejn ir-rikorrent konsumatur u ghalhekk, it-Tribunal qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna li l-intimat ihallas l-ammont ta' mija u tletin Ewro (€130.00) lir-rikorrent, filwaqt li jordna lir-rikorrent jirritorna l-'Android TV box' in kwistjoni lill-intimat, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-intimat.



**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**